

11.10.2023

A9-0290/134

Amendment 134

Cornelia Ernst, Younous Omarjee

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0290/2023

José Manuel Fernandes, Christian Ehler

L-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP")
(COM(2023)0335 – C9-0209/2023 – 2023/0199(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Amendment

Filwaqt li ssegwi dawk l-objettivi, il-Pjattaforma għandha tikkontribwixxi, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' taħriġ u taġlim tul il-ħajja, biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet kritiċi għat-tipi kollha ta' impjiegi ta' kwalità relatati mat-teknoloġiji elenkati fl-ewwel subparagrafu , il-punt (a) u għandha tapplika kriterji għall-għoti soċjali sabiex tikkontribwixxi għall-kisba ta' eżiti pożittivi soċjalment. L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet f'dawk it-teknoloġiji għandu jsir, meta jkun applikabbli, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali u mal-inizjattivi eżistenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari l-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti, mhux l-inqas bl-użu tal-programmi ta' taġlim żviluppati minnhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

tapplika r-rakkomandazzjoni tal-opinjoni tal-Kumitat EMPL

11.10.2023

A9-0290/135

Amendment 135

Cornelia Ernst, Younous Omarjee

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0290/2023

José Manuel Fernandes, Christian Ehler

L-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP")
(COM(2023)0335 – C9-0209/2023 – 2023/0199(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Amendment

4a. Il-kriterji tal-għoti soċjali msemija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-konformità kemm mal-liġi tax-xogħol u soċjali tal-Unjoni u nazzjonali kif ukoll mal-ftehimiet kollettivi applikabbli. Dawn għandhom jinkludu wkoll objettivi definiti sew f'termini ta' taħriġ fil-ħiliet, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, u l-promozzjoni ta' swieq tax-xogħol inklużivi permezz ta' miżuri mmirati lejn it-titjib tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità fuq il-post tax-xogħol, pereżempju permezz tal-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità jew żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, taħriġ jew impjeg (NEETs), jew lejn l-iżvilupp ta' apprendistati ta' kwalità u remunerati jew imħallsa. Minkejja d-Direttiva 2014/24/UE, il-kriterji tal-għoti soċjali għandhom ikunu wkoll parti minn kwalunkwe proċedura ta' valutazzjoni u għażla tal-akkwist pubbliku meta jiġi implimentat proġett appoġġat mill-Pjattaforma.

Or. en

Ġustifikazzjoni

tapplika r-rakkomandazzjoni tal-opinjoni tal-Kumitat EMPL

AM\1288073MT.docx

PE754.332v01-00

11.10.2023

A9-0290/136

Amendment 136
Cornelia Ernst, Younous Omarjee
f' isem il-Grupp The Left

Rapport
José Manuel Fernandes, Christian Ehler
L-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP")
(COM(2023)0335 – C9-0209/2023 – 2023/0199(COD))

A9-0290/2023

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Amendment

1a. Il-kumpanija li tappoġġa l-azzjoni għandha tipprovdi evidenza ta' pjan ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul.

Or. en

11.10.2023

A9-0290/137

Amendment 137

Cornelia Ernst, Younous Omarjee

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

José Manuel Fernandes, Christian Ehler

L-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”)
(COM(2023)0335 – C9-0209/2023 – 2023/0199(COD))

A9-0290/2023

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)Regolament (UE) 2021/695

Artikolu 7 – paragrafu 10

Test fis-seħħ

Amendment

10. Bħala parti mill-oġettiv ġenerali tal-Unjoni tal-integrazzjoni tal-azzjonijiet klimatiċi fil-politiki settorjali tal-Unjoni u fil-fondi tal-Unjoni, l-azzjonijiet taħt dan il-Programm għandhom jikkontribwixxu mill-inqas 35 % tan-nefqa għall-oġettivi klimatiċi, fejn ikun adatt. L-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika għandha tkun inkluża b'mod adegwat fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni.

(-1) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Bħala parti mill-oġettiv ġenerali tal-Unjoni tal-integrazzjoni tal-azzjonijiet klimatiċi fil-politiki settorjali tal-Unjoni u fil-fondi tal-Unjoni, l-azzjonijiet taħt dan il-Programm għandhom jikkontribwixxu mill-inqas 35 % tan-nefqa għall-oġettivi klimatiċi, fejn ikun adatt. L-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika għandha tkun inkluża b'mod adegwat fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni. **Għall-implimentazzjoni ta' dan l-oġettiv, il-Kummissjoni għandha tiddependi fuq il-prinċipju “La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti” f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 biex tiżgura li l-infiq ma jaffettwax ħażin oġettivi ambjentali oħra u li l-investimenti f'oġettivi ambjentali oħra jkunu konformi mal-oġettiv dwar il-klima. L-użu tal-prinċipju għandu jkun akkumpanjat minn gwida dettaljata mill-Kummissjoni dwar kif il-konformità mal-prinċipju għandha tiġi evalwata fil-kuntest tas-sejħa speċifika li fiha jintuża l-prinċipju.”**

Or. en

